MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

Seduta ta' l-10 ta' Jannar, 2003

Appell Kriminali Numru. 196/2002

**Appell Nru 196/2002**

**Il-Pulizija**

**v.**

**Gary Grech u**
**Dino Bonnici**

Il-Qorti:

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Gary Grech u Dino Bonnici talli fid-29 ta' Awissu, 2002 ghall-habta tal-5.45 ta' filghodu, mill-fond maghruf bhala Brass Monkey fi Triq San Gorg, Paceville, ikkommettew serq ta' *handbag* li kien jikkontjeni *mobile telephone* tal-marka Nokia u kamera fotografika tal-marka Konika, a detriment ta' Cecile Lebeck mid-Danimarka, liema oggetti jiswew aktar minn mitt lira izda anqas minn elf lira, u liema serq huwa kkwalifikat bil-hin u bil-valur;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tad-**29 ta' Awissu, 2002** li permezz taghha dik il-qorti, **fuq ammissjoni ta' l-imputati**, iddikjarathom hatja skond l-imputazzjoni u, b'applikazzjoni ta' l-Artikolu 5 tal-Kap. 152 illiberat lill-imputati "bil-kondizzjoni li ma jaghmlux reat iehor fi zmien tlett snin u dan taht is-supervizjoni tal-*probation officer* Carmen Nygaard";

Rat ir-rikors ta' appell ta' **Dino Bonnici**, minnu ppresentat fid-9 ta' Settembru, 2002, li permezz tieghu talab ir-revoka ta' l-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet lill-appellant bil-gurament u lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tat-3 ta' Jannar, 2003; ikkunsidrat:

Dana l-appell, ghalkemm apparentement wiehed semplici, iqajjem kwistjonijiet importanti li ser jigu kollha indirizzati minn din il-Qorti.

Qabel xejn, kif din il-Qorti kellha l-opportunita` li tirrileva fil-verbal ta' l-udjenza tat-3 ta' Jannar, 2003, jidher li wara li kien gie registrat il-verbal ta' l-udjenza tad-29 ta' Awissu, 2002 (fol. 11) xi hadd zied, bil-linka, wara l-kliem "Dr. R. Sladden" il-kliem "u Dr. G. Cutajar". Dott. George Cutajar huwa l-firmatarju tar-rikors ta' appell u l-avukat li qed jidher ghall-appellant. L-imsemmi Dott. Cutajar, pero`, iddikjara li huwa <u>ma kienx deher ghall-appellant, allura imputat, quddiem l-ewwel qorti</u>; u dan il-fatt hu konfermat mill-fotokopja ta' l-istess verbal, evidentement mehuda <u>qabel</u> ma ddahhlu l-kliem "u Dr. G. Cutajar", li giet ezibita mill-istess avukat fl-udjenza tat-3 ta' Jannar. Dan hu fatt gravi; u din il-Qorti, bil-verbal tat-3 ta' Jannar, 2003, diga ordnat lir-Registratur sabiex jittiehdu l-passi skond il-ligi.

L-aggravju ta' l-appellant hu, bazikament, li minhabba l-ghaggla li biha huwa tressaq il-qorti, huwa spicca ammetta minghajr ma kellu l-opportunita` *"li jaghrbel sew il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu li saret f'tebqa t'ghajn tramite konsulent legali nominat mill-Qorti in vista tal-fatt illi [huwa] kien sprovvist minn avukat"*. Huwa

jilmenta li ma giex imwissi mill-ewwel qorti *"dwar il-konsegwenzi li ggib maghha ammissjoni"*.

Din il-Qorti, wara li ezaminat l-atti, ma tistax hlief takkolji dana l-appell, u dan peress li jidher car li l-ewwel qorti naqset milli tosserva d-disposizzjoni ta' l-Artikolu 392A tal-Kodici Kriminali (introdotta bl-Att III tal-2002). F'kaz bhal dak in dizamina – u cioe` meta l-fatt imputat jipotizza reat li ma huwiex ta' kompetenza originali tal-Qorti tal-Magistrati u ghalhekk ghandha, jew tista`, issir kumpilazzjoni – apparti mill-obbligu generali naxxenti mill-Artikolu 519[1] tal-Kap. 9, il-Qorti tal-Magistrati ghandha timxi skrupolozament ma' dak li jipprovdi l-Artikolu 392[2], u specjalment is-subartikolu (2)[3] tieghu; u fil-kaz li waqt l-ezami skond l-Artikolu 392 imsemmi tigi resgistrata ammissjoni[4] il-Qorti tal-Magistrati ghandha wkoll skrupolozament timxi skond l-Artikolu 392A. Dana l-Artikolu japplika mhux biss ghall-kazijiet fejn ir-reat ipotizzat ikollu piena ta' aktar minn erba' snin prigunerija (imma mhux aktar minn ghaxar snin) izda japplika wkoll ghall-kazijiet fejn il-piena tkun ta' aktar minn sitt xhur imma mhux aktar minn erba' snin u l-Avukat Generali jkun ta l-kunsens bil-miktub ghall-procedura sommarja *ab initio* skond l-Artikolu 370(4)(a). Li dana l-Artikolu 392A japplika wkoll fil-kazijiet kontemplati fl-Artikolu 370(4) jidher car mill-lokuzzjoni adoperata fis-subartikolu (6) tal-imsemmi Artikolu 370: *"Il-qorti hija wkoll kompetenti li taghti s-sentenza lill-akkuzat fic-cirkostanzi u kif provdut fl-artikolu 392A"* (sottolinear ta' din il-Qorti). Issa, skond l-Artikolu 392A(1) il-Qorti tal-Magistrati ghandha tapplika *mutatis mutandis* id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 453(1). Skond l-Artikolu 453(1) jekk l-imputat jistqarr, bhala twegiba ghall-

[1] **Art. 519: "Hu dmir tal-qrati ta' gustizzja kriminali li jipprovdu ghad-difiza gusta ta' l-imputati jew akkuzati; u ma jkunx mehtieg li jinhatru kuraturi ghal imputati jew akkuzati li ma jkunux ta' l-eta`".**

[2] Maghdud, jekk ikun il-kaz, l-Artikolu 370(4).

[3] **Art. 392(2): "Qabel ma taghmel ebda wahda mill-mistoqsijiet hawn fuq imsemmija, il-qorti ghandha tfisser lill-imputat ix-xorta ta' l-akkuza migjuba kontra tieghu u twissieh li mhux obbligat iwiegeb ghal ebda mistoqsija lanqas li jitfa' l-htija fuqu nnifsu, li hu jista', jekk irid, ikun assistit minn avukati jew prokuraturi legali u li kull haga li huwa jghid tkun tista' tingieb bhala prova kontra tieghu".**

[4] Ammissjoni ghandha dejjem titlissen mill-imputat innfisu (hlief f'xi kaz straordinarju meta l-impuatat, minhabba xi difett fiziku, ma jkunx jista' jitkellem, u apparti mis-sitwazzjoni kontemplata fl-Artikoli 374(b) u 375(b)).

mistoqsija jekk iridx u xi jrid iwiegeb fuq l-akkuza, li hu hati skond l-imputazzjoni, il-qorti ghandha twissih b'mod l-aktar solenni dwar il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba, u taghtih ftit ta' zmien biex jerga' lura minnha. Huwa biss jekk l-imputat jibqa' jtenni dik it-twegiba li l-qorti ghandha tordna li l-ammissjoni tigi registrata, u wara tghaddi biex taghti s-sentenza skond il-ligi. L-osservanza ta' dan ir-rit, li l-legislatur iqis li hu importanti biex jigu salvagwardati d-drittijiet ta' l-akkuzati[5], ghandu jirrizulta mill-atti u senjatament mill-verbal ta' l-udjenza li fiha jkun sar l-ezami ta' l-imputat (ara, f'dan is-sens ukoll, ***Il-Pulizija v. Emmanuel Testa*** App. Krim. 17/7/2002). Skond il-verbal ta' l-udjenza tad-29 ta' Awissu, 2002 (fol. 11) jirrizulta li inqrat l-akkuza, li sar l-ezami u li kien hemm ammissjoni; skond il-formula ta' l-ezami ta' l-imputat (fol. 13) – li hi fiha nnifisha verbal – gie osservat ukoll l-Artikolu 392(2). Izda minn imkien ma jirrizulta li gie osservat l-Artikolu 392A(1), b'mod ghalhekk li anqas jista' jinghad li gie osservat ir-rit traccjat fl-Artikolu 453(1) aktar 'l fuq deskritt. Huwa proprju ghalhekk li din il-Qorti sejra tilqa' dana l-appell.

Fl-ahharnett din il-Qorti tosserva – ghalkemm fuq dan il-punt ma hemmx aggravju – li huwa ftit inkomprensibbli ghaliha kif l-ewwel qorti, minghajr ma semghet ebda prova[6] biex tipprova tiddetermina l-utilita` o meno ta' ordni ta' *probation*, qabdet u ghamlet tali ordni. Huwa veru li qorti m'ghandhiex, ghal kull haga ta' xejn, tordna *pre-sentencing inquiry report* (ara ***Il-Pulizija v. Joseph Muscat*** App. Krim. 28/10/2002), pero` huwa daqstant ukoll veru li s-servizzi, necessarjament limitati, li jista' jipprovdi d-Dipartiment tal-*Probation* ghandhom jigu utilizzati b'aktar attenzjoni u b'aktar selettivita` milli fil-fatt sar fil-kaz in dizamina. Bizzejjed jinghad li l-ufficjal tal-*probation* nominata mill-ewwel qorti kellha, fl-ahhar ta' Dicembru, 2002 u skond statistika li tircevi din il-Qorti, 76 kaz ta' *probation order*. Dan huwa numru esagerat u din il-

---

[5] Kien proprju ghalhekk li l-Artikolu 453(1), li originarjament kien japplika biss ghall-proceduri quddiem il-Qorti Kriminali, issa gie maghmul japplika wkoll ghall-proceduri quddiem il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fil-gurisdizzjoni estiza taghha.

[6] Ghalkemm fis-sentenza dattiloskritta jinghad li l-qorti "semghet ix-xhieda bil-gurament", skond il-verbal ta' l-udjenza tad-29 ta' Awissu, 2002 ma nstemghu ebda xhieda.

Qorti ma tistax tifhem kif l-ufficjal in kwistjoni tista' taghti l-attenzjoni mehtiega u skond is-sengha tal-*probation* lill-"klienti" kollha taghha.

Ghall-motivi premessi, tilqa' l-appell, thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u **terga' tqieghed lill-appellant Dino Bonnici fil-posizzjoni li kien fiha minnufih wara li l-ufficjal prosekutur iddikjara li l-Avukat Generali kien ta l-kunsens bil-miktub ghall-procedura sommarja izda qabel ma l-istess Bonnici wiegeb ghall-mistoqsija "jekk iridx u xi jrid iwiegeb fuq l-akkuza"**; u tibghat l-atti lura lill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali sabiex din tkompli tisma' l-kaz skond il-ligi. Il-Qorti taghmilha cara li qed tibghat lill-imsemmi Bonnici lura quddiem il-Qorti tal-Magistrati mhux bhala persuna taht arrest izda daqslikieku huwa tressaq akkuzat b'citazzjoni.

--------------------------------TMIEM--------------------------------